MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10

Il-Ħamis, 27 ta' Frar, 2020

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fl-16:30.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Ġorġ Camilleri – Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier

Etienne Cauchi – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

SKUŻATI:

Noel Formosa – Sindku (is-Sindku li bħalissa jinsab fuq kwarantina, ħa sehem fil-laqgħa permezz ta' *speaker call*)
Carmela Grima – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Deputat Seġretarju Eżekuttiv
Pauliana Said - Accountant

## 10.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

10.1.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa nr. 9 li kienu meqjusa moqrija.

10.1.2 Il-minuti tal-laqgħa ġew approvati.

## 10.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

Is-Sindku kien skużat mil-laqgħa u permezz ta' *streaming live* informa lill-Kunsill li peress li kien għadu ġej minn btala ġewwa l-Italja ta'fuq, b'responsabilità ħass li kellu joqgħod erbatax-il ġurnata ġewwa (kwaratina) bħala prevenzjoni minħabba l-Coronavirus li laqat lil dak ir-reġjun fil-jiem li kien hemm hu. Għalhekk qed isegwi u jikkorrispondi magħna permezz ta' speaker call. Huwa semma li l-Kunsill kien reġa' ħareġ il-call għall-Assistant Principal li għalqet nhar it-Tnejn li għadda minħabba li dik li kienet ġie magħżula qabel minħabba raġunijiet familjari ma setgħetx tkompli. Huwa informa li hemm tliet applikazzjonijiet u l-Kunsill qabel li jsiru l-intevisti malajr kemm jista' jkun minħabba l-urġenza u l-bzonn li timtela' din il-vakanza.

Is-Sindku informa wkoll illi rċieva korrispondenza u kien hemm kommunikat bejnu u bejn is-Sindku tal-Birġu dwar il-possibilità li jsir xi tip ta' ftehim bejn iz-zewġ lokalitajiet biex b'hekk ikun hemm kollaborazzjoni relatati ma attivitajiet li jistgħu isiru bejn iż-żewġ lokalitajiet. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 10.3 Approvazzjoni tal-*Financial Statements*;

Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti l-Accountant tal-Kunsill Ms Pauliana Said illi ppreżentat il-*Financial Statements* għas-sena 2019 li ġew approvati mill-Kunsill Lokali. Hija spjegat illi l-Kunsill xorta għadu f'pożizzjoni li ma tantx hija sabiħa iżda sena wara sena qed ikun hemm progress u dan għalhekk jagħtina viżjoni aħjar għall-quddiem. Hija ppreżentat ukoll il-Baġit għas-sena 2020 u dan ġie approvat mill-Kunsill ukoll.

## 10.4 Post vakanti ta' Assistant Principal;

L-aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser isiru l-intervisti minn board indipendenti minnufih.

## 10.5 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fil-17:00 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 10 ta' Marzu fil-17:00.

Noel Formosa
Sindku

Marianne Sagona
Deputat Segretarju Eżekuttiv